Paċi u Ġid

No.80 - Marzu 2015

Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
Sr Josephine Xuereb

Għeżież qarrejja,

Erġajna ġejna f'darkom permezz tar-revista tagħna Paċi u Ġid. Din hija tislima magħrufa Franġiskana li Missierna San Franġisk kien itenniha kull meta kien jiltaqa' ma' xi ħadd. Kemm hija attwali din it-tislima! X'tista' tixtieq aktar lil xi ħadd għajr Paċi u Ġid? Ninsabu fi żmien fejn tassew għandna bżonn nesperjenzaw il-Paċi – paċi f'qalbna, fil-familji tagħna, fuq il-post tax-xogħol u madwar id-dinja kollha. Meta tisma' l-aħbarijiet tista' tinduna kemm qed tonqos il-paċi. X'qed jiġri? Għalfejn dan in-nuqqas ta' paċi? Faċli nintebħu li l-bniedem bil-mod il-mod qed iħalli lil Alla. Il-vera paċi tiġi biss Minnu. Franġisku t'Assisi tant fehem li mingħajr Alla ma jgħaddix li sar ħaġa waħda miegħu saħansitra jsejħulu Kristu ieħor.

Għeżież, fil-bidu ta' dan iż-żmien qaddis tar-Randan, ejjew nagħmlu ħilitna biex inkomplu nħallu lil Alla jidħol fil-ħajja tagħna. Dan huwa ż-żmien li l-Knisja fih tistedinna permezz tal-Liturġija biex nerġgħu nduru lejn Alla u tgħidilna: Issa hu ż-żmien it-tajjeb, issa hu jum is-salvazzjoni. Il-Knisja qed tistedinna għall-konverżjoni, li nbiddlu l-mod kif naħsbu, nitkellmu u naġixxu. Nagħlaq bil-ħsieb tal-Papa Franġisku għal dan iż-żmien: Ir-Randan hu żmien ta' tiġdid għall-Knisja, għall-komunitajiet u għall-fidili individwali. Fuq kollox, però huwa żmien ta' grazzja.

Nieħu din l-opportunità biex filwaqt li nawguralkom Randan Qaddis, naslu wkoll biex niċċelebraw L-Għid ma' Kristu Rxuxtat.

Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

Niċċelebraw l-Ewkaristija flimkien, filwaqt li nitolbu għall-familji u b'hekk jitkattru aktar vokazzjonijiet. Niltaqgħu fil-Knijsa ta' San Franġisk, l-Imsida fis-6pm nhar;

it-28 ta' Marzu 2015
il-25 t'April 2015
it-23 ta' Mejju 2015

Ħsieb għar-Randan
Qawwu qalbkom (Ġk 5,8)

Wieħed miż-żminijiet li matul is-sena l-Knisja toffrilna huwa ż-żmien tar-Randan. Bla dubju dan iż-żmien huwa mezz għalina l-Insara biex nippruvaw nirranġaw xi aspett fil-ħajja tagħna. Bħalma jagħmel kull sena, l-Papa Franġisku, kiteb il-messaġġ tiegħu għalina biex iqawwilna qalbna. F'dan il-messaġġ itina tliet punti żgħar biex aħna nkunu nistgħu nirriflettu fuqhom għal matul dan iż-żmien.

1. "Jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu" (1 Kor 12, 26) – *Il-Knisja.*

L-imħabba t'Alla lejna hija tant kbira li din tkisser kull indifferenza, jiġifieri li wieħed ma jagħtix każ tiegħu biss imma jaħseb f'dawk ta' madwaru ukoll. Imma dan ma nistgħux nagħmluh jekk l-ewwel ma nkunux esperjenzajna lil Ġesù verament bħalma għamel San Pietru fl-Aħħar Ċena meta Ġesù ħasillu saqajh. Dan sar biex hu seta jesperjenza lil Ġesù bħala dak li jagħti servizz u li jaqdi lil sħabu. Wara din l-esperjemza Pietru seta' jirrepeti dak li ra lil Ġesù jagħmel. L-istess aħna, jekk ma jkolniex l-esperjenza ta' Ġesù ma nistgħux inkunu dawk in-nies li jagħtu servizz u jkunu ta' qadi għall-oħrajn.

2. Fejn hu ħuk? (Ġen 4, 9) – *Il-Parroċċi u l-Komunitajiet.*

Bħala Knisja ħafna drabi nkunu minn tal-ewwel li nagħtu l-għajnuna meta jinqala' xi diżastru naturali jew xi gwerra f'xi pajjiż. Imma x'inhu jiġri? Naħsbu fil-barranin u ħutna l-Maltin, naħsbu fihom? Sabiex din l-idea li ngħinu lil ħaddieħor tibqa' tikber fina, nistgħu nagħtuha linja naqra differenti u ma tkunx biss li naħsbu fl-oħrajn b'mod materjali biss. Dan nistgħu nagħmluh permezz tat-talb, billi nitolbu għal dawk li huma fil-bżonn. Ħaġa oħra hi li ma nkunux magħluqa biss biex ngħinu lil dawk ta' madwarna. Ġesù huwa u tiela' s-sema bagħathom tnejn tnejn ixandru l-bxara t-tajba lil kulħadd. B'dan il-mod inkunu qiegħdin ngħinu lill-oħrajn anki fil-fidi tagħhom.

3. "Qawwu qalbkom!" (Ġk5,8) – *Il-fidili individwalment.*

Aħna fina nfusna ukoll nistgħu nkunu indifferenti. Dan għaliex tant għandna aħbarijiet ta' traġeji u nkwiet li naslu li nibdew ma nagħtu każ ta' ħadd u ta' xejn. Għal dan il-Papa jagħtina tliet mezzi ta' kif nistgħu negħlbu din l-indifferenza.

- Billi nitolbu;
- Billi nagħmlu atti ta' karità kemm f'pajjiżna u anke f'pajjiżi oħra permezz tal-organizzazjonijiet li għandha l-Knisja;
- Billi nikkonvertu u nersqu aktar lejn Ġesù, billi naċċettaw il-limiti tagħna u b'hekk naslu li naċċettaw il-limiti tal-oħrajn ukoll.

Sabiex ma nħallux li l-indifferenza u l-ħsieb li aħna nistgħu nsalvaw lid-dinja jirbħuna, dan iż-żmien tar-Randan il-Papa Franġisku jixtieq li jkun żmien ta' formazzjoni tal-qalb, ħalli qalbna ssir aktar tixbaħ lil dik ta' Ġesù.

125 Sena ta' Ħidma Pastorali fil-parroċċa ta' Bormla

Sr Claudia Zammit

125 sena ilu, proprju fl-1 ta' Diċembru 1889, aħna s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu' ġejna mistiedna biex niftħu dar f'Bormla, ċentru mill-aktar importanti ta' Malta ta' dak iż-żmien.
It-tagħlim tar-Religjon kien wisq bżonnjuż f'dawn l-inħawi. Persuni li kellhom għal qalbhom il-ġid spiritwali ta' Malta ħadmu mhux ftit biex jagħtu bidu għall-iskola tagħna f'Bormla fejn ikunu jistgħu jitgħallmu l-Katekizmu. Dan kollu beda bl-għajnuna tal-Kavallier Emmanuel Giuseppe Inglott.

Sa mill-ewwel snin lit-tfal kienu jgħallmuhom jaqraw, jiktbu, l-aritmetika, ix-xogħol tal-ħjata u dak kollu li jitlob bħala nisa tad-dar. Fl-1917 nsibu li t-tfal kienu jitgħallmu wkoll l-ewwel passi fil-lingwa Ingliża u dik Taljana kif ukoll it-tagħlim tal-Katekiżmu. Meta bdiet il-gwerra fil-11 ta' Ġunju 1940 minħabba l-attakki ta' kuljum li ħakmu sew il-Port il-Kbir u l-Kottonera is-sorijiet kellhom jsibu kenn fid-dar t'Għawdex.

Fit-8 ta' Lulju 1949 is-Sorijiet bdew jaħsbu sabiex jerġgħu jiftħu l-iskola ġewwa Bormla. Kien fil-25 t'April 1951 li s-sorijiet bdew jgħallmu lit-tfal ġewwa dar fi Sqaq Numru 1 fi Triq Oratorju. Iktar 'l quddiem , fl-1964, minħabba li żdied in-numru ta' tfal, inħasset il-ħtiega li titkabbar l-iskola u l-ġnien li kien fid-dar u ġie mibdul fi skola kbira.Fl-1999 l-iskola kibret aktar fejn preżentement tħaddan fiha tmintax-il klassi għat-tfal bejn il-5 u l-11 il-sena. Hija l-akbar waħda fost l-iskejjel li nħaddnu aħna s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Minbarra x-xogħol akkademiku li jsir fil-klassijiet, din l-iskola timplimenta diversi attivitajiet religjużi u edukattivi li jgħinu lit-tfal jiżviluppaw b'mod aħjar it-talenti tagħhom.

Biex infakkru l-ħidma kollha li saret matul dawn is-snin l-għalliema tal-iskola tagħna, bi tħejjija kbira, għaddew lit-tfal l-istorja u l-iżvilupp tal-Kongregazzjoni kif ukoll l-Ħajja tal-Fundatriċi tagħna Madre Margerita Debrincat . Dan deher fl-esebizzjoni li tellgħet fis-sala tal-iskola taħt diversi temi li fiha ħadu sehem kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti tal-iskola kollha. B'dan il-mod il- messagg li ngħata lit-tfal dwar il-firxa tal-Kongregazzjoni tagħna f'diversi partijiet tad-dinja kif ukoll l-ispiritwalità ta' Madre Margerita li tinġabar fl-għajta spissa tagħha 'Inħobbu, inħobbu l-Imħabba" wasal ukoll għand il-ġenituri tagħhom. Il-ġenituri wkoll kellhom l-okkazjoni li jżuru din l-esebizzjoni waqt li ammiraw il-ħidma u l-kuraġġ li kellha din ix-xebba umli Għawdxija minn Kerċem minkejja d-diffikultajiet u l-problemi li ltaqghet magħhom f'diversi sitwazzjonijiet tal-ħajja.

Is-Sibt 22 ta' Novembru, 2014 jibqa' għalina jum memorabbli. Fil-Knisja

Kolleġġjata tal-Immakulata ta' Bormla, dik in-nhar fis-6.00 ta' filghaxija nġabret ġemgħa kbira ta' nies biex flimkien niċċelebraw quddiesa ta' ringrazzjament għall-ġid kollu li twettaq matul dawn il-152 sena ta' ħidma f'din il-parroċċa. Magħna ngħaqqdu numru ta' saċerdoti, il-Kunsill tal-Provinċja,ħutna s-sorijiet minn diversi unitajiet,għalliema, ġenituri tat-tfal, ħbieb u Bormliżi oħra biex flimkien noffru sagrifiċċju ta' radd il-ħajr. Il-kor tat-tfal tal-iskola, bis-sehem ukoll tan-novizzi, ferħanin u fl-istess ħin xi ftit eċitati, taw bidu għal din iċ-ċelebrazzjoni ta' ferħ bl-innu ' Int Dawl il-Ġnus'. L-istess tiżjin tal-knisja kompla jsebbaħ kemm lit-tempju kif ukoll l-atmosfera ta' ferħ li kient tinħass qalb il-miġemgħa.

Fr Reuben Micallef fl-omelija tiegħu spjega kif il-Venerabbli Qaddejja t'Alla Madre Margerita rnexxilha tikber fl-imħabba tagħha lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Għall-Madre, li titkellem mit-tabernaklu jfisser l-Ewkaristija. Għalhekk kien privileġġ għaliha li titlob quddiem it-Tabernaklu, fil-preżenza tal-Maħbub tagħha. Hija kienet tħeġġeġ it-tiftix ta' Ġesù fit-Tabernaklu:

"Fittex dejjem il-kumpanija ta' Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu, ixrob minn hemm l-għajnuniet, il-faraġ u d-dawl kollu li tkun teħtieġ....." .

Hu proprju dan li d-dinja tallum hi nieqsa minnu. Dan għadu jgħodd għalina llum jekk iridu nżommuha bħala l-mudell tagħna anki fi ħdan il-familja tagħna.

L-imħabba tagħha lejn Marija ma naqsitx. Ta' spiss kienet ittenni:

"Itlob lill-Verġni Mbierka biex taqlagħlek il-grazzja ta' tħejjija tajba..... Ommna Marija Immakulata ma tonqosx li tgħinkom f'dak li teħtieġu. Ibqgħu qrib it-Twajba Ommna Marija Immakulata,magħqudin magħha u fiha."

Din ir-relazzjoni tagħha bħala bint lejn Ommna Marija ġiet ipprezentata lilna f'powerpoint lejn it-tmiem tal-quddiesa.

Il-kant ta' l-innu ''Margerita, Margerita l-maħbuba ta' Ġesù ġab fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni ta' radd il-Ħajr lil Alla. Waqt li tqassmet tifkira ta' l-okkażjoni stajna lkoll nistqarru kemm l-edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ, li tant kienet għażiża għall-Madre Margerita għadha waħda mill-attivitajiet appostoliċi l-aktar speċifiċi tal-Kongregazzjoni tagħna. Inkomplu nitolbu biex żgħażagħ oħra, fuq l-eżempju tal-Fundatriċi tagħna, jkollhom il-kuraġġ li jsegwu mill-qrib lill-Mulej u hekk din il-ħidma mibdija minn Madre Margerita titkompla għall-glorja t'Alla u għall-ġid tal-Knisja.

MADRE MARGERITA TKELLIMNA

Għeżież tfal,

Kif intom? Nispera li mortu tajjeb fl-eżamijiet! Min jaf kemm-il darba smajtu dwari u dwar is-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. F'din il-paġna se nibda niktbilkom ftit dwar il-ħajja tiegħi, u biex issiru tafuni aktar, u biex tgħinuni ħalli x-xewqa tiegħi sseħħ. U tafu x'inhi din ix-xewqa?
Li Ġesù jkun magħruf u maħbub minn kulħadd u kullimkien. Għalhekk tfal, irridkom tgħinuni biex ma' kull min tiltaqgħu twasslulhom dan il-messaġġ hekk sabiħ, li Ġesù jħobbok!

Ommi u missieri kienu joqogħdu Kerċem. Ommi kien jisimha Katerina u missieri Mikiel Anġlu. Wara ħames aħwa, twelidt jien, Virġinja. X'jum sabiħ kien dak inhar tat-28 ta' Novembru 1862. Minn meta konna żgħar, ommi kienet tiġborna kuljum bħala familja biex nitolbu t-talba tar-Rużarju flimkien. Kemm kont inħossni ferħana meta konna nitolbu din it-talba. Ħuti s-subien kienu jmorru jgħinu lil missieri fix-xogħol tal-għalqa u jien dejjem kont nipprova ngħin lil ommi fix-xogħol tad-dar. Bħalkom kont immur l-iskola kuljum, kemm kont nieħu ġost nitgħallem afarijiet ġodda u nistudja.

Meta kont inlesti mix-xogħol tal-iskola, kont noqgħod nilgħab ma' ħuti. Kont immur il-Quddies ma' ommi kuljum u wara li rċevejt l-ewwel tqarbina, kemm kont inħossni ferħana meta kont nirċievi lil Ġesù ġewwa fija.
Lil Ġesù dejjem għidtlu ġewwa qalbi li jien ridt li inħobbu fuq kollox. Kuljum kont insib ħin biex nit kellem miegħu u ngħidlu biex jgħini dejjem. Ilum ser nieqaf hawn tfal, nerġa niltaqa' magħkom darba oħra.

TFAL TINSEWX, BIEX TĦOBBU ĦAFNA LIL ĠESÙ.

8< ----------

Kompetizzjoni għat-tfal:

1. X'kienet ix-xewqa ta' Madre Margerita?

   _____

2. Meta twieldet Madre Margerita, u x'semmewha l-ġenituri tagħha?

   _____

3. X'talba kienu jitolbu kuljum bħala familja?

   _____

4. Għalfejn kienet tħobb tmur l-iskola Madre Margerita?

   _____

5. X'kienet tgħidlu lil Ġesù?

   _____

Madre Margerita

Isem u Kunjom: _____

Età: _____



MIMDUDIN

2. Fejn twieldet?
7. Wieħed mix-xogħolijiet li kienu jaħdmu s-sorijiet?
9. Id-dar li mietet fiha Madre Margerita
11. Liema kienet l-ewwel dar f'Malta?
12. Il-Kappella li kienu jiltaqgħu fiha qabel ma Dun Diacono għaqqadhom bħala sorijiet.

WEQFIN

1. L-ewwel dar barra minn xtutna
3. 'Inħobbu l-imħabba li mhix maħbuba għax mhix ...'
4. Il-post li żamm iċ-ċavetta tal-kaxxa tal-flus
5. Kien l-Isqof li ta lil Madre Margerita d-dar tal-Adorazzjoni l-Belt.
6. Isem missier Madre Margerita
8. It-triq tal-ewwel dar f'Għawdex
10. X'kien jisimha M Margerita qabel ma daħlet soru

8< ----------

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni qed jingħata ktieb. Ir-rebbieħ jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mis-27 ta' Marzu 2015. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
Triq Nazju Falzon,
L-Imsida, MSD 1720

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew Rabat Għawdex).

Design & Editing: Formation Group